KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta B'Urgenza_29/07/10/VI

## MINUTI TAS-SEDUTA B'URGENZA

**Seduta b'Urġenza** tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema li nżammet nhar il-**Ħamis 29 ta' Lulju 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**Is-segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi

**Is-seduta bdiet fil-5.35pm**

**1. Il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsil Lokali ta' Tas-Sliema**

1.1 Is-Sindku N. Dimech qal li permezz ta' din il-laqgħa l-Kunsill qiegħed jieħu l-opportunita permezz ta' din il-laqgħa biex jiddiskuti l-ħidma tiegħu l-quddiem. Stieden lill-Kunsilliera biex jekk kellhom xi mistoqsijeit jagħmluhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi qalet illi hi se taħdem fid-Direzzjoni li jieħu l-Kunsill meta dan jiltaqa' u teżigwixxi d-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-Kunsill.

1.3 Is-Sindku N. Dimech qal li l-poplu ta' Tas-Sliema għandu jkun moqdi u għandu jħares 'il quddiem fl-interess tal-poplu ta' Tas-Sliema. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju biex tispjega l-pjan tagħha rigward l-amministrazzjoni.

1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Awwissu għandu jkollha skrivana oħra u b'hekk l-Amministrazzjoni tkun tista' taqdi b'mod iktar effiċjenti ċ-ċittadini ta' Tas-Sliema kif ukoll iwettaq b'iktar effiċjenza dak li jkun talab il-Kunsill.

1.5 Is-Sindku N. Dimech qal li l-għan tagħna hu li nimxu 'l quddiem.

1.6 Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li qed tistenna li mil-lum il-quddiem nimxu 'l quddiem.

1.7 Is-Sindku qal li mill-gimgħa d-dieħla jibdew isiru workshops biex il-Kunsilliera kollha jkunu jafu d-dmirijiet tagħhom għall-ġid tar-residenti.

1.8 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li rigward xogħlijiet pendenti dawn isiru abbażi tal-laqgħat tal-Kunsill li japprova l-pagamenti biex tkun tista' tmexxi fuq ordnijiet tax-xogħol.

1.9 Il-Kunsillier M. Debono staqsa jekk hemmx xogħlijiet pendenti.

1.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa ġabet għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill il-Works List għal xogħlijiet varji f'Tas-Sliema li jiġu rreġistrati mill-iskravana tal-Kunsill. Din il-lista għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fuq il-prijoritajiet tiegħu.

1.11 Is-Sindku N. Dimech qal li għandu joħroġ tender għal xogħlijiet żgħar biex ma jitħallewx xogħlijiet pendenti.

1.12 Is-Segretarju Ezekuttiv speċifikat li ħofor u milli tal-bankini qegħdin isiru mill-*handymen* tal-Kunsill.

1.13 Il-Kunsillier M. Debono staqsa jekk is-Segretarju hux qed tagħmel kordinazzjoni mal-Kunsilliera responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq affarijiet żgħar bħal mili tal-bankini tmexxi iżda fuq affarijiet ikbar bħal patching ta' Old College fejn djieqet il-bankina jew fuq talba mir-residenti biex il-bankina fi Triq Sant' Elena tidjiq, hi qed tibgħat korrispondenza lis-Sindku.

1.14 Il-kunsillier M. Debono qal li qed jieħu gost li jidher li hemm ftehim. Staqsa x'se jiġri bil-pagamenti li l-Kunsill ma approvax fl-aħħar seduta.

1.15 Is-Sindku N. Dimech qal li dawn il-pagamaneti għandhom jerġgħu jitilgħu għall-attenzjoni tal-Kunsill għax l-għan hu li nimxu 'l quddiem. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jassigura li se jimxi 'l quddiem fl-interess tar-residenti. Qal li s-Segretarju u l-Kunsill għandhom jaħdmu id f'id.

Il-laqgħa ntemmet fis-5.50pm

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 5 ta' Awwissu 2010.